# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR. SIMONE GRECH LL.D

**Distrett Ħal Qormi**

**Każ Nru: 2924/24**

**Pulizija**
**vs**
**Nikolai Busuttil**

**Illum, 30 ta' Lulju, 2024**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet imressqa kontra Nikolai Busuttil, detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 0009191M, li permezz tagħhom ġie akkużat talli:

> *"...28/01/2024 għall-ħabta ta' 1320-1400 ġewwa Triq Tal-Ħlas, QORMI.*
>
> *1) Talli nhar it-28 ta' Jannar 2024 u fil-gimghat ta' qabel gewwa bicca art limiti Ta' farsina fi Triq il-Hlas Hal-Qormi Minghajr il-hsieb li tisraq jew li taghmel hsara kontra l-ligi izda biss biex tezercita dritt li tippretendi li ghandek, fixkilt lil Publius Said fil-pussess ta' hewjgu b'xi mod iehor kontra l-ligi jew indhalt fi hwejjeg ta' haddiehor.*
> *Art. 85 (1) Kap. 9*
>
> *2) Talli fl-istess data hin u cirkostanzi irrendejt ruhek komplici fit-thassir fi hwejjeg hadiehor u cioe Publius Said skond artiklu 42,43,44 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta. Il-Qorti hija mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta' ta' Publius Said skont l-Artikolu 383 tal-Kodici Kriminali.*
> *Art. 383 Kap.9"*

Rat id-dokumenti eżebiti;

Semgħet il-provi prodotti;

Semgħet trattazzjoni finali;

Rat li din il-kawża ġiet differita għas-sentenza;

Rat l-atti kollha ta' din il-kawża.

**Ikkunsidrat:**

**<u>Provi Prodotti</u>**

Ġie ppreżentat l-affidavit ta' **PS 1585 James Weatherhill**, li fih intqal li fit-28 ta' Jannar, 2024, sar rapport minn Publius Said, peress li dan mar biex jaċċedi għall-proprjetà tiegħu, iżda nnota li s-serratura u l-katnazz tal-bieb prinċipali, kienu mibdula. Spjega li Said qal li fl-2017, huwa kera żewġ terzi tal-proprjetà lill-imputat, u kien baqalu terz. Qal li Said kien qal li l-aħħar darba li aċċeda fil-proprjetà kien, fis-7 ta' Jannar, 2024. Spjega li fl-4 ta' Marzu, 2024, il-Pulizija rċeviet kwerela, u li dakinhar stess, Said kien għamel aġġornament ta' dan ir-rapport, fejn qal li fit-terz li jappartjeni lilu, kien tpoġġa materjal, ossija karozzi tal-elettriku, mingħajr permess tas-sid, u l-materjal tiegħu, u ċioè apparat tal-*bumping cars* kien qiegħed imxerred. Spjega li meta l-imputat ġie avviċinat, dan stqarr li kien ser jitkellem fil-Qorti.

Matul is-smigħ ta' din il-kawża, xehed **Emanuel Tanti,** li kkonferma li huwa kien ġie nkarigat jagħmel xi xogħol minn Publius Said. Spjega li huwa welder u dan l-aħħar kellu *Luna Park*, li kien qed jirranġahielu. Ikkonferma li din il-*Luna Park* kienet ġewwa Ħal Qormi, naqra 'l isfel minn Ta' Farzina. Spjega li huwa ma jaf xejn, dwar min hu l-proprjetarju tal-art fejn kienet tinsab miżmuma l-Luna Park. Ikkonferma li huwa kien imur isewwi. Huwa spjega li kien ilu xi sentejn u nofs ma jidħol f'dan il-post, fejn tinżamm din il-Luna Park. Spjega li kien waqaf jaħdem fuqha, għaliex Said kien qallu li kellu xi naqra nkwiet, iżda ma jafx fuq xiex kien dan l-inkwiet. Ikkonferma li biex jidħol f'din il-proprjetà, kien jiftaħlu Leo jew Publius Said. Huwa sostna li lill-imputat, qatt ma rah hemmhekk fuq il-post. Huwa sostna li l-Luna Park kienet armata u tellagħuha fl-għoli biex ikun jista' jaħdem fuqha. Spjega li s-saqaf tagħha ma kinx armat.

**Publius Said** xehed f'dawn il-proċeduri, u in suċċint, ix-xhieda tiegħu kienet is-segwenti. Spjega li hu flimkien mal-avukat tiegħu, marru fuq is-sit in kwisjtoni, fit-28 ta' Jannar, 2024, biex jaraw xi ħsara li hemm. Qal li kienu marru hemm, wara il-każ li kien instema' fis-6 u fis-7 ta' Jannar. Sostna li sab li ċ-ċavetta, ma kinitx taqbel mas-serratura eżistenti. Spjega li kien għalhekk li mar jagħmel rapport fl-Għassa tal-Pulizija. Fost oħrajn, huwa sostna li kien laħaq xi ftehim mal-imputat dwar il-proprjetà tiegħu, iżda dan il-ftehim ma ġiex redatt fi skrittura. Waqt ix-xhieda, huwa spjega li żewġ terzi minn dawn l-ambjenti, huma tal-imputat, iżda terz ġie mikri minnu lil ħaddiehor. Sostna wkoll li jista' jkun, li kienu terzi persuni li biddlu s-serratura u/jew iċ-ċavetta. Huwa kkonferma li l-aħħar li daħal f'dawn l-ambjenti, kien fis-7 ta' Jannar, 2024, u li qabel kellu ċ-ċwievet ta' dawn l-ambjenti. Ikkonferma li fis-7 ta' Jannar, 2024, huwa kien daħal f'dawn l-ambjenti biċ-ċwievet tiegħu. Reġa' tenna li fit-28 ta' Jannar, 2024, huwa sab li ċ-ċavetta ma taqbilx. Sostna li huwa jaf li dan il-bdil sar mill-imputat, għax fis-7 ta' Jannar, 2024, meta ġie msejjaħ mill-Pulizija, l-imputat wera lill-Uffiċjali tal-Pulizija, dokumenti foloz, b'firem foloz fuqhom. Kompla jinsisti li huwa s-sid tal-proprjetà in kwistjoni.

Spjega li wara li għamel ir-rapport mal-Pulizija, huwa ġie nfurmat li l-imputat kien qal, li nqasmet iċ-ċavetta fis-serratura, u mbagħad kien qal li huwa kien kera l-post, kif ukoll li għamel konvenju. Spjega li huwa għadu sal-lum bla ċwievet. Kompla jinsisti li huwa nnota li saret ħsara f'mobbli tiegħu, u ċioè fil-*bumping cars,* proprjetà tiegħu. Sostna li huwa jaf li l-imputat għamel din il-ħsara jew kien kompliċi, peress li xi ġranet qabel, huwa kien iltaqa' ma' missier l-imputat, u dan kien ċempel lill-imputat, filwaqt li staqsih għalfejn kien għamel hekk. Reġa' għal darb' oħra, spjega li jista' jkun li l-imputat ma għandux x'jaqsam, u li kienu terzi li biddlu s-serratura. Sostna li huwa ġieli jara lill-imputat jidħol f'dawn l-ambjenti, għax huwa proprjetarju ta' żewġ terzi.

Mistoqsi jekk bejn id-dati tat-8 ta' Jannar, 2024, u t-28 ta' Jannar, 2024, huwa rax lill-imputat ġo dawn l-ambjenti, huwa rrisponda li jista' jkun iva, u jista' jkun le.

In kontroeżami, Publius Said ikkonferma li kien fit-28 ta' Jannar, 2024, li ċ-ċavetta ma qablitx. Spjega li fid-9 u fl-10 ta' Jannar, 2024, huwa kien mar u fetaħ biċ-ċavetta, iżda mbagħad sostna li ma jiftakarx biċ-ċert.

**Ikkunsidrat:**

Din il-Qorti eżaminat il-provi miġbura, iżda ma tqisx li tressqu provi lil hinn minn kull dubju raġjonevoli, li kien proprju l-imputat li kkommetta l-ewwel imputazzjoni. Fit-trattazzjoni finali, il-parte ċivile argumentat, li ġjaladarba l-imputat kien jikri l-post, kien hu li għandu jinżamm responsabbli li fixkel lil Said fil-pussess ta' ħwejjġu. Mingħajr ma' din il-Qorti tidħol f'eżami tal-elementi rikjesti, biex jiġi ppruvat ir-reat ravviżat fl-Artikolu 85 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, mill-provi prodotti rriżulta, li hemm terzi persuni li qegħdin jokkupaw dawn l-ambjenti. Publius Said fix-xhieda tiegħu spjega, li hemm terzi persuni jokkupaw dawn l-ambjenti. Din il-Qorti ma għandhiex provi, dwar min effettivament fixkel l-allegat pussess ta' Publius Said, minn dawn l-ambjenti. L-istess Said fix-xhieda tiegħu stqarr iktar minn darba, li huwa ma jafx min biddel is-serratura jew min ta dawn l-istruzzjonijiet. Kif inhu ben saput, fil-kamp penali, kwalunkwe dubju għandu jmur a favur l-imputat, u għalhekk din il-Qorti ma għandhiex triq oħra, għajr li tillibera lill-imputat mill-ewwel imputazzjoni.

Dwar it-tieni imputazzjoni, din il-Qorti tinsab samja, dwar xi ħsara allegatament ġiet ikkaġunata. Din il-Qorti ma taf xejn dwar f'liema kundizzjoni kienu dawn l-allegati *bumping cars,* u f'liema kondizzjoni jinsabu llum-il ġurnata. Ix-xhieda li ngħatat mill-parte ċivile dwar din l-imputazzjoni, kienet waħda limitata ħafna, u ma ġew ippreżentati l-ebda provi dokumentarji biex juru lil din il-Qorti, il-ħsara rigwardanti din it-tieni imputazzjoni. Lanqas ma tressqu provi, li b'xi mod jistgħu jallaċċjaw din il-ħsara, mal-persuna tal-imputat. Il-fatt li l-imputat kien jikri din il-proprjetà, u li illum-il ġurnata din il-proprjetà tinsab fil-pussess ta' diversi terzi persuni oħra, ma tistax tiġi meqjusa minn din il-Qorti, bħala prova suffiċjenti lil hinn minn kull dubju raġjonevoli, li l-imputat irrenda ruħu kompliċi fit-tħassir ta' ħwejjeġ, allegatament appartenenti lil Publius Said.

**Deċide**

**Għaldaqstant, għar-ragunijiet hawn fuq premessi, din l-Onorabbli Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-kawża, billi ma ssibx lill-imputat ħati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjoni, u tilliberah minn kull kundanna u ħtija.**

| | |
|---|---|
| **Maġistrat Dr. Simone Grech** | **Janet Calleja**<br>**Deputat Reġistratur** |